**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 2 / 2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**-vs-**

**Justin Vella**

**Illum 4 ta' Settembru 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra Justin Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 110385M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli:

F'dawn il-Gżejjer nhar it-8 ta' Jannar 2022, għal ħabta ta' bejn is-14:30hrs u it-14:45 hrs fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Andre Cassar skont kif iċċertifikaw Dr Joseph Galea MD u Dr Franco Mercieca mill-Isptar Ġenerali

T'Ghawdex u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ħebb kontra Andre Cassar sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddiehor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lil Justin Vella bħala reċidiv u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija toħrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat fil-konfront ta' Andre Cassar ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ta' nhar l-14 ta' Diċembru, 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214 u 216 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Justin Vella, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni, dedotta kontrih u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu minn kull piena bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) snin mil-lum; filwaqt li ddikjarat li t-tieni u t-

tielet imputazzjonijiet huma preskritti. Illiberat ukoll lil Justin Vella mill-akkuża ta' reċidiva.

Finalment, ai termini tal-Artikolu 412 C u l-artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-ħati b'Ordni ta' Trażżin għal żmien tliet (3) snin mil-lum għall-protezzjoni ta' Andre Cassar. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jiftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Trażżin u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet hawn imposti.

Il-Qorti ordnat li ai termini tal-artikolu 392 A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-27 ta' Diċembru 2922 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha:

i. Tikkonferma s-sentenza appellata sakemm u sa fejn din sabet lil Justin Vella ħati tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll sakemm u sa fejn iddikjarat li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kienu preskritti;

ii. Tirrevoka s-sentenza appellata sakemm u sa fejn din illiberat lil Justin Vella mill-addebitu tar-reċediva, u minflok, issib lil Justin Vella ħati tal-addebitu tar-reċediva;

iii. Tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigward tal-piena, u minflok, tikkundanna lil Justin Vella għal piena ogħla, u dan anki fil-każ li din l-Onorabbli Qorti ma ssibx lil Justin Vella ħati tal-addebitu tar-reċediva.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Ġenerali huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

***A. <u>L-ewwel aggravju:</u> Il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) żbaljat meta ma kkonsidratx il-kopja awtentikata tas-sentenza esebita a fol. 35 et seq. tal-atti proċesswali bħala suffiċjenti għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-addebitu tar-reċediva.***

Illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti korrettement qalet li r-reċediva *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali hija reat fiha nnifisha u għalhekk, għandha tinġieb l-aħjar prova in sostenn tal-istess imputazzjoni. Wara dan, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tiċċita diversi sentenzi in sostenn ta' dan. Il-brani iċċitati kollha jikkonfermaw li sabiex tinstab il-ħtija fir-rigward tar-reċediva, il-prosekuzzjoni trid tippreżenta kopja legali jew kopja uffiċċjali tas-sentenza relattiva.

Illi l-ewwel Qorti qalet li ladarba s-sentenza esebita mill-Ispettur Josef Gauci a fol. 35 *et seq.* tal-atti proċesswali ma kinitx vera kopja tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Francesco Depasquale, ir-reċediva ma kinitx ippruvata.

Illi l-esponenti ma jaqbilx ma' din il-konstatazzjoni tal-ewwel Qorti stante li jirriżulta ċar li d-dokument a fol. 35 *et seq.* tal-atti proċesswali huwa kopja awtentikata tas-sentenza relattiva u dan għar-raġuni li hemm it-timbru tad-Deputat Reġistratur Audreann Buttigieg u l-kliem "*Vera kopja tal-original*" u "*True copy of the original*", kif ukoll il-firma tal-istess Audreann Buttigieg.

Illi fil-fehma tal-esponenti, il-vot tal-Art. 49(3) tal-Kodiċi Kriminali ġie sodisfatt ladarba d-dokument a fol. 35 *et seq.* tal-atti proċesswali "*jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat, jew uffiċċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza*". Anki jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li l-firma tad-Deputat Reġistratur Audreann Buttigieg mhijiex ċara jew mhijiex leġibbli, jiġi mfakkar li f'għajnejn il-liġi, huwa biżżejjed li "*jidher*" li hija ffirmata minn Buttigieg, li hija evidentement uffiċċjal tal-Istat. Ovvjament, f'dan il-każ, m'hemmx kwistjoni ta' dehra biss, għax id-dokument verament huwa awtentikat mid-Deputat Reġistratur. Oltre dan kollu, jidher mid-dokument a fol. 34 tal-atti proċesswali li nhar il-25 ta' Novembru 2022, l-Ispettur Gauci talab "*kopja uffiċċjali*" lill-Arkivju tas-sentenza "*Pulizija vs. Justin Vella ID 110385M, mogħtija mill-Maġistrat Dr Francesco Depasquale LL.D. fil-13 ta' Novembru 2018.*"

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Kenneth Cassar*** (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Novembru 2022), intqal diversi drabi li kopja ta' sentenza jew kopja ta' digriet jitqies awtentikat meta jkollu l-firma u t-timbru tad-Deputat Reġistratur.

Illi linja gwida dwar din il-materja ngħatat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Darren Debono*** (appell numru 66/2022 deċiż fis-27 ta' Ottubru 2022), senjatament fil-paragrafi 63 *et seq.* ta' dik is-sentenza.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Rita Zammit*** (appell 477/2017 deċiż nhar il-21 ta' Mejju 2019), din l-Onorabbli Qorti qalet:

> *"F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Jason James Agius****, fejn l-appellant f'dik il-kawza kien qieghed jikkontendi li ma kinitx saret il-prova tar-recidiva, gie ritenut hekk:*
>
> *"Bhalma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u*

*wara ssir il-prova tal-identità... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identità. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ….*"”

Illi f'dan il-każ, dak li qalet din l-Onorabbli Qorti fil-bran appena ċitat sar bl-eżatt. Meta wieħed jeżamina s-sentenza esebita mill-prosekuzzjoni għall-fini tar-reċediva, wieħed jinnota li oltre s-sentenza ttajpjata (fol. 36), hemm ukoll il-komparixxi (fol. 35). Fin-naħa ta' isfel tal-komparixxi, hemm id-deċide miktuba bil-pinna mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Francesco Depasquale. Id-dettalji fuq il-komparixxi (li bil-kitba tal-ġudikant effettivament saret is-sentenza) jinkludu kemm l-isem kif ukoll in-numru tal-karta tal-identità tal-appellat Justin Vella. Dawn id-dettalji identifikatorji jindikaw b'ċertezza li l-persuna indikata fis-sentenza esebita huwa l-persuna appellata.

Illi dwar il-bqija tad-dubji mqanqlin mill-ewwel Qorti dwar l-identiċità *o meno* tal-persuna ħatja skont is-sentenza relattiva mal-persuna imputata (hawn il-persuna appellata), l-esponenti jissenjala li f'dawn il-proċeduri, Justin Vella rreġistra ammissjoni u żamm mal-ammissjoni tiegħu anki wara li l-ewwel Qorti tatu żmien jerġa' jaħsibha. Dan ifisser li Vella aċċetta dak deskritt fiċ-*charge sheet* bħala fatt u xjentement għażel li ma jikkontesta ebda imputazzjoni.

Illi dwar l-ammissjoni u l-konsegwenzi tagħha, l-esponenti jirreferi għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Annabelle Camilleri*** (deċiża fil-15 ta' Settembru 2022), fejn intqal:

*“6. Ikun biss wara li l-imputat ikun rega' tenna l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu li l-Qorti tkun tista' mbaghad tghaddi ghas-sentenza. Jigi ribadit li din mhix semplici formalita' izda rekwizit essenzjali*

*fil-process penali peress li jassikura li l-imputat - qabel ma jibda jiskonta l-piena li l-Qorti imbaghad bilfors tkun trid timponi fuqu ghar-reati li jkun ammetta ghalihom – ikun deciz f'dik l-ammissjoni tieghu ghaliex gjaladarba dik l-ammissjoni tigi mtennija din tigi irregistrata fl-atti tal-kawza skont l-Artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali u minn dak il-mument il-quddiem dik l-ammissjoni titqies bhala l-aqwa prova tal-htija tal-imputat ghar-reati li jkun gie mixli bihom.*

*7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jgib mieghu is-sejbien ta' htija tal-imputat ghal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta ghalihom inkondizzjonatament. F'kaz fejn ma jkunx ammetta ghall-imputazzjonijiet b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipprocedi biex tkompli ghaddejja bis-smiegh tal-kawza fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati. Izda meta l-ammissjoni tkun registrata b'mod inkondizzjonat, l-ammissjoni registrata legalment titqies il-"prova regina" tal-htija tal-imputat ghar-reati u addebiti migjuba kontrih – u li taghhom ikun imbaghad soggett ghall-piena li l-Qorti tal-Magistrati jkun jidhrilha xierqa li timponi f'dak il-kaz partikolari. B'dik l-ammissjoni, meta registrata skont il-Ligi, l-imputat ikun qieghed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkuzatorju u fil-kaz li jkun addebitat bir-recidiva (jew ksur ta' ordni ta' probation, ksur ta' digriet koncedenti helsien mill-arrest, twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza eccetra) l-imputat ikun ukoll accetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien, f'dak il-mument, qed iwettaq ir-reat kif kwalifikat bl-addebitu tar-recidiva, ksur ta' ordni ta' probation, eccetra.*

*8. Bl-att tal-ammissjoni tieghu l-imputat ikun qieghed jezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi ghall-fini ta' sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni hielsa imtennija tieghu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu gew kontestati lilu.*

*9. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jigi kontestat lilu, huwa hieles li ma jammettix u l-kaz ikompli bil-procedura normali. Izda galadarba l-imputat ikun liberament u bl-gharfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-recidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-recidiva u din l-ammissjoni tkun giet imtennija, allura ftit hemm xi tghid izjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-htija tieghu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqghod ghall-piena skont il-Ligi."*

Illi l-appellant Avukat Ġenerali umilment jgħid li fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn fuq imsemmija, ladarba Justin Vella ammetta u tenna l-ammissjoni tiegħu bil-formalitajiet kollha osservati, stante li ammissjoni hija serjissima u ma tistax tittieħed b'leġġerezza, l-ewwel Qorti lanqas biss kellha għalfejn tidħol fil-kwistjoni dwar jekk il-persuna indikata fis-sentenza a fol. 35 *et seq.* kinitx l-istess persuna li kellha quddiemha. Sabiex jiġi evitat kull dubju, iżda, l-esponenti qiegħed xorta waħda jisħaq li l-persuna hija l-istess persuna, u dan mhux biss għax Vella ma kkontestax l-addebitu tar-reċediva.

Illi għalhekk, l-esponenti huwa tal-umli fehma li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ma kkonsidratx lill-appellat bħala reċediv.

**B. <u>It-tieni aggravju:</u> Il-piena erogata hija wisq miti u ma tirrispekkjax il-gravità tar-reati.**

Illi nonostante li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha, fejn l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda ġrieħi ta' natura gravi kkawżati mill-imputat fuq il-persuna ta' Andre Cassar, huwa ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin. L-appellant Avukat Ġenerali huwa tal-umli fehma li din il-piena ma tirrispekkjax il-gravità tar-reati.

Illi l-Avukat Ġenerali jfakkar li Justin Vella ammetta li kkawża ġrieħi gravi fuq il-persuna ta' Andre Cassar, u li għamel dan għal ebda raġuni valida. L-Art. 216(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula li r-reat fih deskritt jattira piena bejn sena u seba' snin priġunerija. L-aġir tal-appellat mhuwiex aġir li għandu jkun meħud b'leġġerezza *siccome* huwa d-dritt ta' kull persuna li ma tisfax aggredita meta tkun qed issuq għall-affari tagħha. Jekk l-appellat deherlu li Andre Cassar saq b'mod traskurat jew saq b'mod li jantagonizza lilu jew lil xi utent ieħor tat-triq, messu rrapporta l-fatt lill-Pulizija sabiex jittieħdu l-proċeduri opportuni jew messu rrikorra għal kwalunkwe proċeduri ċivili spettanti lilu, u mhux ħa l-liġi b'idejh billi mblokka l-vettura ta' Cassar u ħareġ għalih b'kanna tal-ħadid jew *baseball bat*. Dan mhuwiex aġir li jista' jkun ittollerat f'soċjetà ċċivilizżata.

Illi f'dan il-każ, id-difiża enfasiżżat id-dokument LV1 (fol. 37), li hija ittra uffiċċjali li permezz tagħha l-imputat stess interpella lill-vittma sabiex jillikwida d-danni u qal li kien lest jagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-vittma kemm-il darba l-kont ikun raġjonevoli. L-esponenti, madankollu, josserva li m'hemm ebda prova li Vella kkumpensa lill-vittma. Inoltre, huwa notevoli li filwaqt li dan l-episodju infeliċi seħħ fit-8 ta' Jannar 2022, kien biss fl-14 ta' Ġunju 2022 (jiġifieri ħames xhur wara li seħħet l-aggressjoni) li Vella ppreżenta l-ittra uffiċċjali relattiva (dokument LV1 a fol. 37). Huwa evidenti li din l-ittra uffiċċjali, għalhekk, kienet biss tentattiv sabiex l-ewwel Qorti tkun mistiedna tqisha bħala attenwanti għall-finijiet ta' piena.

Illi sabiex ikun evitat kull dubju, l-appellant Avukat Ġenerali jqis il-piena erogata bħala wisq miti kemm jekk wieħed iqis l-addebitu tar-reċediva kif ukoll jekk le.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża fis-seduta tat-28 ta' April 2023.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa bażat prinċipalment fuq żewġ aggravji l-ewwel wieħed għaliex l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tal-akkuża ta' reċidiva minkejja l-ammissjoni tiegħu u fit-tieni lok qiegħed jappella mis-sentenza mogħtija fuq il-kwisjtoni tal-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati stante li l-appellant kien ammetta ħtijietu quddiemha.

Fir-rigward tal-aggravju tar-reċidiva jingħad li fl-atti a fol. 36 tal-proċess l-Ispettur Josef Gauci esebixxa sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-allura Maġistrat Dr. Franceso Depasqalue nhar it-13 ta Novembru 2022 markata bħala dok JG8 fejn l-appellant odjern kien instab ħati ta' xi reati konnesssi mal-Ordinanza tat-Traffiku u ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €150.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason James Agius</u>** mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, fejn l-appellant f'dik il-kawża kien qiegħed jikkontendi li ma kinitx saret il-prova tar-reċidiva, ġie ritenut hekk:

> "*Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ….*"

Huwa minnu li f'din is-sentenza ma hemmx il-partikolaritajiet tal-appellant miktuba fuqha u lanqas ma xehdet l-Ispettur Theresa Grima sabiex tikkonferma s-sentenza fil-konfront tal-appellant odjern pero' f'din il-kawża l-appellant irreġistra ammissjoni

(minkejja li kien ingħata żmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoi tiegħu) għall-akkużi kollha li kien ġie addebitat bihom  u dan bla riserva u għalhekk fid-dawl ta' din l-istess ammissjoni l-ewwel Qorti kellha ssib lill-appellant ħati ta' dan ir-reat ta' reċidiva wkoll. Illi dan mhux il-każ kif stqarret l-ewwel Qorti li l-prosekuzzjoni kellha ġġib l-aħjar prova dwar l-akkuża tar-reċidiva u ċioe' li din is-sentenza mogħtija mill-allura Maġistrat Dr Francesco Depasquale kienet res judicata. Irid jiġi mfakkar li bl-ammissjoni tal-appellant il-prosekuzzjoni ma ressqitx iktar provi in sostern tal-akkużi miġjuba minnha. Konsegwentement l-Avukat Ġenerali kellu raġun fir-rigward ta' dan l-aggravju.

Fit-tieni aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali ffoka fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant stante li għal reat ta' ferita gravi l-piena prospettata fil-liġi hija piena karċerarja ta' bejn sena u seba' snin. Issa kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta **Il-Pulizija vs Tarquin Vella** deċiża fil-15 ta' Settembru, 2020 il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a)Retributtiv;
(b)Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

> *L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma*

*jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'għemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, il-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa. F'dan il-*

*kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta', billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'għemilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.*

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti: -

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

F'dawn il-proċeduri ta' appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kinitx skont il-kwalita' u kwantita' stabbiliti mil-Liġi, jew jekk kinitx żbaljata fil-prinċipju jew kinitx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005 :

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in* ***Blackstone's Criminal Practice*** *2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence*

*and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma ddisturbatx is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ogħla minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun ogħla minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħaddnin minn din il-

Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Illi f'dan il-każ l-ewwel Qorti minkejja sabitu ħati fuq ammissjoni tal-appellat stess tal-akkuża li kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Andre Cassar għoġobha tillibera lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għal tlett snin mil-lum pero' fis-sentenza ma jidhirx li hija tat xi spjega l-għala tat din is-sentenza ta' conditonal discharge salv li rat li l-ammissjoni tal-appellat saret fi stadju bikri tal-proċeduri u għalhekk fil-fehma tagħha kellu jibbenefika minn dan l-attenwanti. Rat

ukoll li l-appellat wera x-xewqa li jikkumpensa lill-vittma kif jirriżulta mid-dokument LV1 esebita fl-atti.

Din il-Qorti ai fini ta' piena rat is-segwenti:-

1. Il-fedina penali tal-appellat esebita fl-atti a dol. 20 markata bħala dok JG 2 hija waħda refrettarja u minkejja li l-appellat għadu relattivament żgħir fl-eta' ġja għandu diversi reati reġistrati fuqha fejn ġja ngħata diversi sentenzi ta' *conditional discharge* pero' jidher li ma tgħallimx għaliex reġa kkommetta reati oħra ukoll ta' natura serja. Jidher ukoll li ngħata sentenza sospiża ta' sentejn fis-sena 2011 u ċioe' nonostante reġa qiegħed quddiem il-Qorti u għalhekk lanqas din is-sentenza donnha ma kellha l-effett li kellha jkollha fuqu u ċioe' li żżommu l-bogħod mill-ħajja ta' kriminalita'.
2. Rat iċ-ċertifikati mediċi esebiti fl-atti u ċioe' fejn Andre Cassar, il-vittma kellu tiċrita twila 2cm taħt ix-xoffa t'isfel in-naħa tax-xellug kif ukoll minn ġewwa tal-ħalq fejn għamlulu ħames punti u trauma lis-snien kif ukoll telf ta' sinna (*incisor lower left*) fejn ġie riferut għand dentist. Għalhekk il-feriti li ssubixxa dan Cassar verament kienu ta' natura gravi.
3. Il-fatt li din il-Qorti qegħda ssibu ħati tar-reat ta' reċidiva.
4. Illi ma jirriżultax mill-atti li l-appellat fil-fatt ikkumpensa lill-vittma għad-danni sofferti minnu.
5. Il-fatt li kif anke stqarr hu stess fl-istqarrija tiegħu ġja kellu inċidenti oħra fuq ġlied fejn kien spiċċa għadda proċeduri l-Qorti akkużat bihom u saħansitra anke nstab ħati tagħhom.
6. Il-fatt li niżel minn karozza li kien qed isuq, dar fuq il-vittma li kien fil-karozza tiegħu u tah daqqa bil-baseball bat u kkaġunalu l-feriti ġja msemmija u dan b'mod kiesaħ u biered.

Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li l-ewwel Qorti kienet wisq ħanina mal-appellat u ma hijiex tal-fehma li l-appellat ingħata piena ġusta li tirrifletti s-serjeta' tar-reat u l-anteċedenti tiegħu.

Għalhekk din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn iddikjarat il-proċess eżawrit fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuża stante preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tirrevokaha fir-rigward ta' dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat ħati tar-reat ta' reċidiva u f'dik il-parti fejn applikat *conditional discharge* u minflok qegħda tiddikjara li qed issib lill-appellat ħati tal-ewwel u r-raba' akkuża (reċidiva) u tikkundannah sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-operat tagħha għal perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Din il-Qorti wkoll ma hijiex qed tikkonferma l-ħruġ tal-Ordni ta' Trażżin mogħtija fil-konfront tal-vittma ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta stante li tali Ordni tingħata BISS waqt li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti. Madankollu, tikkonferma l-Ordni ta' Trazzin ai termini l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħtija kontestwalment, u dan għal perjodu ta' sena (1) mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard
**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur